MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**DEBORAH MIFSUD ATTARD**

Seduta ta' l-1 ta' Novembru, 2013

Talba Numru. 246/2013

**Banif Bank Malta plc**
**C 41030**
**Vs**
**Bonnici Duncan**
**ID 236073M**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fit-22 ta' April, 2013 fejn il-konvenut hu debitur tal-kumpanija attrici fis-somma t'elf, mitejn u sitt ewro u tnejn u tlettin centezmu (€1,206.32) liem' soma tikkonsistit fis-segwenti.

Fuq il-*Credit Card Nru. 4196796000041391* li l-konvenut ghandu mal-kumpanija attrici (formola ta' l-applikazzjoni mmarkata bhala Dok A), hemm dovut l-ammont t'elf u wiehed u erbghin ewro u wiehed u ghoxrin centezmu (€1,041.21) li sal-15 ta' Frar, 2013 kien jinkludi mghaxijiet ta' zewg ewro u wiehed u tmenin centezmu (€2.81) (statement bankarju mmarkat Dok B).

Fuq is-*Savings Account* Nru:. *189766.18.001* li l-konvenut ghandu mal-kumpanija attrici, hemm dovut l-ammont ta' mija, hamsa u sittin ewro u hdax-il centezmu

(€165.11) li sal-15 ta' Frar, 2013 kien jinkludi tmienja u sebghin centezmu (€0.78) f'imghaxijiet (ara l-istatment bankarju markat Dok. C). dan l-ammont jikkoncerna hlasijiet ohra in relazzjoni ma' l-ammont dovut fuq il-*Credit Card* imsemmija aktar 'l fuq.

Is-somma mitluba f'din il-kawza saret dovuta kollha lill-kumpanija attrici ai termini ta' l-Artikolu 11(f) tal-*Conditions of Use* marbuta mal-*Credit Card* (ara Dok. D) u t'Artikolu 6 tal-*Conditions of Use* marbuta mas-*Savings Accounts* (ara Dok.E);

Illi l-kumpanija attrici interpellat lill-konvenut diversi drabi biex ihallasha l-ammont minnu dovut, fosthom permezz t'ittra ufficjali ( ara Dok. F) datata l-20 ta' Frar, 2013 u mibghuta a tenur ta' l-Artikolu 166A tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta ( din l-ittra baqghet ma gietx notifikata minkejja diversi tentattivi biex isir dan), izda dan baqa' inadempjanti u ghalhekk dank if ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni ta' din il-kawza;

Ghaldaqstant, il-kumpanija attrici titlob bir-rispett lil dan l-Onorabbli Tribunal joghgbu jiddikjara lill-konvenut debitur taghha fis-somma t'elf mitejn u sitt ewro u tnejn u tlettin centezmu (€1,206.32) u li konsegwentament jikkundana lill-istess konvenut ihallas lill-istess kumpanija attrici din is-somma;

Bl-imghaxijiet mill-15 ta' Frar, 2013, sad-data tal-hlas effettiv, bir-rata ta' tmienja punt tnejn hamsa fil-mija (8.25%) fis-sena kwantu dak dovut fuq il-*Credit Card* u bir-rata ta' ghaxra fil-mija (10%) fis-sena kwantu dawk dovut fuq is-*Savings Account*; u kif ukoll kwalsiasi *charges u fees* dovuti lilha minhabba d-dejn tal-konvenut; u dan kollu skond kif jinghad fil-*Conditions of Use* (imsemmijin aktar 'l fuq) u *t-Tariff of Changes* (imsemmijin aktar 'l fuq) u *t-Tariff of Charges* (ara Dok H) relattivi ghas-*Savings Account*.

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra ufficcjali fuq imsemmija u l-mandat ta' sekwestru kawtelatorju prezentat kontestwalment maghha, bl-ingunzjoni tal-konvenut in subizzjoni.

Dan kollu qed jintalab minghajr pregudizzju u b'riserva ghall-pretensjonijiet l-ohrajn kollha tal-kumpanija attrici fil-konfront tal-konvenut.

Ra n-nota tal-mistoqsijiet tas-socjeta’ attrici ghas-subizzjoni tal- konvenut sabiex iwiegeb ghalihom bil-gurament tieghu u biex b’hekk il-kreditu hawn pretiz jigi ppruvat (Artiklu 698(2) u 702 tal-Procedura Civili).

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat bl-Avviz, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mill-Ligi u lanqas ma deher ghas-seduta tat-2 ta’ Ottubru, 2013 u lanqas ghas-seduta ta’ llum.

Ra l-Kapitlu li gie pprezentat mis-socjeta’ attrici fis-seduta tat-2 ta’ Ottubru, 2013 u filfatt il-konvenuta naqset li jidher sabiex jirrispondi ghalih. In-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha titiehed bhala mistqarra.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

B'referenza ghar-rata ta' imghax mituba inkwantu huwa oghla minn tmienja fil-mija (8%) issir referenza ghall-Legislazzjoni Sussidjarja 16.06 - Regolamenti Dwar Ezenzjoni Mir-Rata ta' Mghax[1] senjatament ghar-regolament numru hamsa li jipprovdi:

'*Minkejja kull haga ohra li tinsab f'kull ligi ohra, istituzzjonijirt ta' kreditu u dawk finanzjarji fil-kuntest tat-tifsira tar-regolament 2*[2]*jistghu jistabbilixxu r-rata ta' mghax li ghandha tithallas fuq depoziti mizmuma minn istituzzjonijiet ta' kreditu, u r-rata ta' mghax li dawn jistghu jitolbu li jithallsu fuq self, avvanzi u kull facilita' ta' kreditu ohra kif ukoll fil-hrug ta' debebtures jew ta' debenture stock jew strumenti ohra li joholqu jew jirrikonoxxu stat ta' debitu'.*

Dan l-artikolu infatti jirrinforza l-artikolu 33 tal-Kap 204[3] tal-Ligijiet ta' Malta li huwa identiku ghal dak appena kkwotat.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta’ attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, it-Tribunal jilqa’ it-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ elf mitejn u sitt ewro u tnejn u tlettin centezmu (€1,206.32).

---

[1] Avviz Legali 142 ta' l-2009

[2] Regolament 2(b) applikabbli ghal dan il-kaz

[3] Att Dwar il-Bank Centrali ta' Malta

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta’ l-ittra ufficjali u l-mandat ta’ sekwestru kawtelatorju, *bank charges u fees* u bl-imghaxijiet kif mitluba mill-15 ta’ Frar, 2013 sad-data tal-pagament effettiv a karigu tal-konvenu

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------